

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-8 ta' Mejju 2008 — Suvikas vs Il-Kunsill

(Kawża F-6/07)

(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kwistjoni proċedurali — Dokumenti kunfidenzjali — Dokumenti miksuba b'mod illegali — Tneħħija ta' dokumenti — Reklutaġġ — Post vakanti — Rifjut illegali ta' applikazzjoni — Annullament — Rikors għal danni — Telf ta' opportunità ta' reklutaġġ — Evalwazzjoni ex aequo et bono)

(2008/C 158/39)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Risto Suvikas (Helsinki, il-Finlandja) (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Arpio Santacruz u I. Šulce, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konsultattiv ta' Għażla li r-rikorrent ma jtniżżilx fil-lista ta' l-aħjar kandidati għall-għażla relatata ma' l-avviż ta' post vakanti tal-Kunsill B/024 u, min-naħa l-oħra, l-annullament ta' din il-lista u tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jiġu rreklutati l-kandidati li kienu mniżżla hemmhekk għall-postijiet li kellhom jimtlew u li ma jiġix irreklutat ir-rikorrent — Talba għal danni.

Dispożittiv

- 1) *Id-dokumenti ppreżentati minn R. Suvikas fl-Annessi A 14 sa A 16 tar-rikors huma mneħħija mill-proċess tal-kawża.*
- 2) *Id-deċiżjoni ta' l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti, ta' l-20 ta' Frar 2006, li ma tniżżilx lil R. Suvikas fil-lista ta' l-aħjar kandidati wara s-selezzjoni ta' membri tal-persunal temporanju Kunsill/B/024, hija annullata.*
- 3) *Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea huwa kkundannat iħallas lil R. Suvikas is-somma ta' EUR 20 000 b'kumpens għad-danni materjali subiti minnu.*

4) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*

5) *Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-30 ta' April 2008 — Dragoman vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-16/07)

(Servizz Pubbliku — Kompetizzjoni — Ġurija — Prinċipju ta' l-imparzjalità tal-ġurija — Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal — Trattament ugwali ta' kandidati interni u esterni — Eliminazzjoni ta' kandidat — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata — Osservanza tas-segretezza tad-deliberazzjonijiet tal-ġurija)

(2008/C 158/40)

Lingwa tal-kawża: Ir-Rumen

Partijiet

Rikorrenti: Adriana Dragoman (Brussell, il-Belġju) [rappreżentant: G.-F. Dinulescu, avukat]

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: K. Herrmann, F. Telea u M. Velardo, aġenti]

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-ġurija tal-kompetizzjoni EPSO/AD/34/05 (intiża sabiex tiġi stabbilita lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' interpreti tal-lingwa Rumena) li fihom ġie deċiż li, għall-ewwel eżami ta' interpretazzjoni tar-rikorrenti, tingħata marka li ma tippermettix lir-rikorrenti tagħmel l-eżamijiet sussegwenti ta' l-imsemmija kompetizzjoni — Eċċeżżjoni ta' illegalità ta' l-Artikolu 6 ta' l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*